MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2002

Numru 669/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Caruana)**

**vs**

**Roderick Castello ta' 22 sena, iben Rickard u Rose nee Buttigieg, mwieled San Giljan, fit-2 ta' April, 1980, u residenti San Lawrenz House, Triq Sibi, Kalkara, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 123180 (M).**

**Marco Muscat ta' 18 sena iben il-mejjet Charles U Annemarie nee Cardona, imwieled Pieta' fis-6 ta' Frar, 1984 u residenti 19, Flat 1, Triq Wenzu Dier, Birgu, Detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 122084 (M).**

**Illum 19 ta’ Novembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Roderick Castello u Marco Muscat li gew akkuzati talli fil-Mellieha, fid-19 ta’ Gunju, 2002 ghall-habta ta’ 3.30 ta’ wara nofsinhar, fi Triq il-Marfa, l-Ghadira, ikkommettew serq ta’ tliet basktijiet li go fihom kien hemm zewg mobile phones, walet bi Lm 15, wallet iehor b’Lm 4, zewg arloggi tal-idejn, ftit gojjelli, hwejjeg u xi dokumenti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm 1,000) u li sar ghad-detriment ta’ Chantelle Buttigieg u Mario Edrick.

Talli fil-21 ta’ Gunju, 2002 u fil-jiem ta’ qabel din id-data, f’Malta xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generli biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzati wiegbu li huma hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Rat ukoll li huma ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll ix-xhieda ta’ l-Ispettur Angelo Caruana li esebixxa l-istqarrijiet ta’ l-akkuzati li fiha hemm ammissjoni kif ukoll semghet li huma kienu rritornaw ir-res furtiva kollha.

Illi in vista ta’ l-ammendi tal-kap 9 l-Qorti thoss li l-piena adekwata ghal dan ir-reat hija probation order, ghaldaqstant qeghda tahtar lil Carmen Borg bhala Probation Officer ghal Roderick Castello u lil Maryanne

Zammit bhala Probation Officer ta’ Mario Muscat ghal perjodu ta’ sentejn mil-llum b’dan illi huma ghandhom jobdu d-direttivi kollha skritti fil-probation order hawn anness.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.